# Qabel infetħet il-Pjazza

*Kitba ta' Ġorġ Tanti*

Grazzi lill-Kumitat tas-Soċjetà Sant' Andrija li reġa' talabni nikteb dwar dak li niftakar minn żmien tfuliti, sittin jew sebgħin sena ilu. B'hekk inkun qed ngħaddi ftit mill-esperjenza tiegħi lil dawk li huma iżgħar minni u li ma laħqux dawk iż-żminijiet. Jekk ma jsirx hekk, kollox imut fuq ommu.

Din id-darba nixtieq nikteb dak li niftakar kif kienet id-dehra meta xi ħadd jitlaq minn ħdejn il-knisja ta' Sant'Andrija u jasal quddiem il-Knisja Parrokkjali.

Dak iż-żmien, meta konna naslu fit-tarf tat-triq kienet titfaċċa fuqna il-ġawhra imprezzabbli li ħallielna Giovanni Barbara f'nofs ir-raħal tagħna. Dak iż-żmien il-bini tal-knisja kien jidher aktar imponenti mil-lum, billi quddiemu



**Xena ta' funeral bil-bini imponenti ta' quddiem il-knisja parrokkjali.**

ma kienx hemm il-pjazza, iżda biss triq ta' wisa' normali matul iz-zuntier kollu sa ma tasal fejn id-dar tal-kappillan.

## Il-Ġnien ta' Fenka

L-aħħar bieb fuq il-lemin qabel ma llum tidħol f'Misraħ it-Trasfigurazzjoni, kien hemm bieb kbir, li għadu hemm sal-lum, miżbugħ aħdar, li jagħti għall-ġnien, li konna nsejħulu: 'il-ġnien Ta' Fenka'. Dan il-ġnien fil-ġranet tal-festa tas-Salvatur kien jinkera minn għand il-Familja Depiro lil 'Ta' Fenka Confectionary' ta' Birkirkara u fih kien jarma 'bar' kbir u min kien imur kien jiġi servut bil-qegħda qalb is-siġar tal-larinġ. Jekk inkomplu mexjin, mal-istess ħajt, konna insibu remissa li kienet tintuża għaż-żwiemel u kienet tagħmel parti mill-ġnien ta' De Piro. Niftakar li din ir-remissa, fi żmien it-tieni gwerra dinjija, serviet għall-'victory kitchen' u minn hemm konna mmorru għal ftit ikel li kienu jlestulna.

Meta ġew biex iwaqqgħu din ir-remissa u tinfetaħ il-pjazza, niftakar li kienu nstabu xi fdalijiet ta' għadam uman. Kienet infetħet inkjesta mill-maġistrat, billi ħasbu li f'dan il-post seta' xi darba sar xi delitt.

Ftit passi minn din ir-remissa kienet toqgħod il-familja Spiteri u dawn kellhom żewġ bibien. Fuq il-bejt tad-dar tagħhom kien hemm xi qsari kbar u żewġt iljuni tal-ġebel. Għalhekk din id-dar konna nsejħulha 'Tal-iljuni'.

## Il-Familja Caruana

Meta konna nimxu ftit passi oħra konna nsibu d-dar tal-familja Caruana, li kienu jgħidulhom 'Ta' Penza'. Kont nismagħhom jgħidu li billi din id-dar kienet eżatt quddiem il-bieb maġġur tal-knisja, meta xi ħadd mill-familja Caruana kien ikun ma jiflaħx, seta' jisma' l-quddiesa mid-dar tiegħu.

Ftit passi oħra 'l hemm mill-bieb ta' Penza, niftakar li kien hemm vaska li minnha kienu jixorbu l-bhejjem. Din il-vaska kellha vit bil-maqbad forma ta' rota u kienet timtela' mill-ilma tal-ġwiebi tal-ġonna ta' De Piro.

Inkomplu nimxu ftit passi oħra u konna nsibu remissa twila armata b'sienja li ż-żwiemel ta' Ċensu ċ-Ċe kien idawwar biex itella' l-ilma mill-ġwiebi kbar, li għadhom hemm sal-lum, u jissaqqaw is-siġar tal-larinġ fil-ġranet nixfin tas-sajf. Meta ma kienx ikun hemm bżonn din it-tisqija, Ċensu ċ-Ċe kien jarma bil-karozzin. Ta' tfal li kont, darba kont staqsejt għaliex lil Ċensu kienu jgħidulu ċ-Ċe. Ir-risposta kienet: 'Għal Ċensu fil-qosor!'

## Il-Familja Borg

Wara din ir-remissa konna nsibu dar imdaqqsa, li kienet tagħmel parti mill-Villa Depiro Guorgion u fiha kienet toqgħod il-familja Borg, li kienu mpjegati mal-Baruni De Piro. Karmnu Borg, wieħed mill-aħwa kien il-prim ġardinar tal-ġnien enormi tal-Villa u kien jieħu ħsieb madwar sitt mitt siġra tal-larinġ, barra siġar oħra ornamentali. Il-Belvedere li jinsab f'nofs Vjal It-Trasfigurazzjoni, u li jpaxxi l-għajn int u dieħel Ħal Lija, bejn is-siġar kollha fjuri tal-Oleandru, kien ukoll parti minn dan il-ġnien.

Qabel ma nfetħet il-pjazza niftakar li ħdejn il-bieb tal-familja Borg kellna l-venda tal-karozza tal-linja ta' Ħal Lija, li kienu miżbugħa ħomor b'faxxa bajda. Il-karozzi kienu jitilqu kull kwarta jew inqas, malli jdoqq l-arloġġ. Kont nismagħhom jgħidu li l-linja tal-karozzi ta' Ħal Lija kienet waħda mill-aħjar ta' Malta.

## Fil-ġranet tal-Festa

Fil-ġranet tal-festa tas-Salvatur, din it-triq li kienet tgħaddi minn quddiem il-knisja, u li kienet parti minn 'Strada Reale', kien ikun tassew fiha x'tara. Kienu jarmaw fiha l-istatwi tal-Appostli u parandi b'disinni tal-ħadid li magħhom kienu jitwaħħlu t-tazzi b'ħafna kuluri li kienu jixegħlu biż-żejt. Bejn dawn kienu jarmaw tal-bejjiegħa tal-qubbajd, tal-pastizzi u ikel ieħor. Lejlet il-festa parti miġ-ġiġġifogu kien jintrama' fuq iz-zuntier, fl-antik in-naħa tad-dar tal-kappillan u aktar tard in-naħa l-oħra.



Il-Vara tas-Salvatur quddiem il-knisja parrokkjali. Ritratt meħud madwar is-sena 1955.

Għalkemm dak iż-żmien ma kienx hemm mezzi tat-



It-triq armata għall-festa tas-Salvatur fl-1908

trasport bħal-lum, in-nies ma kinux jaqtgħu qalbhom u kienu jiġu minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. Il-Festa tas-Salvatur minn dejjem kienet tiġbed ħafna nies.

Hemm ħafna iżjed x'wieħed jirrakonta u jfakkar dwar dawk iż-żminijiet sbieħ u inqas sbieħ tal-imgħoddi. Biex insemmi tal-aħħar il-gost tagħna kien li nhar ta' Ħadd, wara l-quddiesa tal-10.00a.m., konna ninġabru fil-Każin Sant' Andrija, nixorbu xi ħaġa, nieħdu biljett fit-tombla li kienet issir b'risq il-festa, u nirrakontaw fuq l-imgħoddi u kultant ukoll immieru lil xulxin. Konna nħossuna tassew qisna familja waħda.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd!

